

32007D0221

5.4.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 95/51

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 1-4 ta' April 2007

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/249/KE fir-rigward ta' l-estensjoni taż-żmien għad-derogi temporanji minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar pjanti tal-frawli (*Fragaria L.*), intiżi biex jinżergħu, minbarra ż-żerriegħa, ġejjin miċ-Ċili

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1455)

(2007/221/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ta-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni u t-tixrid ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti fil-Komunità⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, xtieli tal-frawli (*Fragaria L.*), intiżi biex jinżergħu, għajr żrieragħ, li joriġinaw f'pajjiżi mhux Ewropej, minbarra pajjiżi tal-Mediterran, l-Awstralja, in-New Zealand, il-Kanada u l-istati kontinentali ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, ma jistgħux, fil-prinċipju jiġu introdotti fil-Komunità. Madankollu, dik id-Direttiva tippermetti derogi minn dik ir-regola, iżda jrid ikun stabbilit li m'hemmx riskju ta' tifrix ta' organiżmi perikolużi.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/249/KE⁽²⁾ tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jipprovdu derogi temporanji minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar pjanti tal-frawli (*Fragaria L.*), intiżi biex jinżergħu, għajr żerriegħa, ġejjin miċ-Ċili.
- (3) Iċ-ċirkostanzi li jiġustifikaw dawn id-derogi għadhom validi u m'hemmx informazzjoni ġdida li turi l-ħtieġa ta' reviżjoni ta' kondizzjonijiet speċifiċi.
- (4) Għalhekk l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati għal perjodu limitat ta' żmien li jippermettu d-dħul fuq it-

territorju tagħhom ta' dawn il-pjanti taħt ċerti kondizzjonijiet speċifiċi.

- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/249/KE hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu, il-punti li ġejjin (e) sa (h) huma miżjuda:

- “(e) 1-1 ta' Ġunju 2007 sat-30 ta' Settembru 2007;
- (f) 1-1 ta' Ġunju 2008 sat-30 ta' Settembru 2008;
- (g) 1-1 ta' Ġunju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009;
- (h) 1-1 ta' Ġunju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1 Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/35/KE (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 9).

⁽²⁾ ĠU L 93, 10.4.2003, p. 32.